MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Numru. 564/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Marlon Xerri ta’ 18-il sena, iben Victor u Helen nee` Portelli,**
**imwieled Victoria (Ghawdex), nhar id-9 ta’ Lulju 1991 u residenti**
**fil-fond Vichel, Triq Santa Verna, Xaghra, Ghawdex, detentur**
**tal-karta tal-identita’ numru 28391(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-hawn fuq imsemmi Marlon Xerri li gie;

1. Akkuzat talli nhar l-20 ta’ Settembru 2008 ghall-habta ta’ 18:00 fix-Xaghra, Ghawdex, waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar ikkaccja jew ipprova jikkaccja b’senter tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru tas-serja U01227;
2. u aktar talli fil-21 ta’ Settembru 2009 u fil-granet ta’ qabel gewwa x-Xaghra, Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa Ghawdex, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu arma tal-marka Luigi Franchi bin-numru tas-serje U01227, liema mportazzjoni u pussess tal-oggett hawn fuq imsemmi hija pprojbita u/jew ristretta u/jew limitata. Din l-arma tan-nar ghandha Valur ta’ €150. Dazju dovut ta’ €4.80 kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T) li tammonta ghal €27.86, fejn liema Dazju u Taxxa ma kinux jew imhallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur tal-Artikli 60(a) (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikli 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan kif ukoll bi ksur tal-Artikolu 80 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII tal-1998);
3. u aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru tas-serje U01227 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula lill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hat ital-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in kunsidrazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 80 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (AH XXIII tal-1998), l-Artikolu 5 u 51 (2) tal-Kapitolu 480, Reg 18(1)(a), 27(3) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat u l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal xahar prigunerija li fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta dan il-perijodu qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum;

Inoltre tikkundanna lill-imputat multa ta' hames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€582.34) li terz minnhom fl-ammont ta' mija u erbgha u disghin ewro u hdax-il centezmu (€194.11) dovuti bhala dejn civili ghandhom ikunu pagabbli direttament lill-Kontollur tad-Dwana;

Il-Qorti tordna il-konfiska tad-dokument A favur il-Kontrollur tad-Dwana;

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------